# Ix-Xogħol Irreġistrat: April 2026

Is-Suq tax-Xogħol | Data tal-Ħruġ: **23/09/2026**





## Il-Punti ewlenin

- F'April 2026, l-għadd ta' persuni rreġistrati li jaħdmu full-time laħaq it-309,592, żieda ta' 4.9 fil-mija fuq April 2025, u żieda ta' 0.6 fil-mija meta mqabbel max-xahar ta' qabel.
- L-għadd ta' persuni li kellhom part-time bħala x-xogħol ewlieni tagħhom laħaq is-37,136, żieda ta' 7.6 fil-mija fuq April 2025, u żieda ta' 0.8 fil-mija meta mqabbel max-xahar ta' qabel.
- L-għadd ta' persuni jaħdmu full-time fis-settur privat żdied b'5.1 fil-mija fi żmien tnax-il xahar biex laħaq il-253,274, u b'0.6 fil-mija meta mqabbel max-xahar ta' qabel.
- L-għadd ta' persuni jaħdmu full-time fis-settur pubbliku żdied b'4.2 fil-mija minn Marzu 2025 u laħaq il-56,318, u b'0.4 fil-mija fuq ix-xahar ta' qabel.
- Fuq il-livelli rreġistrati f'April 2025, l-għadd ta' rġiel b'impjieg full-time tela' b'5.0 fil-mija biex laħaq il-186,367, filwaqt li l-għadd tan-nisa żdied b'4.8 fil-mija biex laħaq il-123,225. Meta mqabblin max-xahar ta' qabel, l-impjiegi full-time għall-irġiel u n-nisa żdiedu b'0.6 fil-mija u b'0.5 fil-mija, rispettivament.

## Il-Kummentarju

*F'April 2026, l-impjiegi full-time żdiedu b'4.9 fil-mija, filwaqt li dawk part-time bħala impjieg ewlieni żdiedu b'7.6 fil-mija fuq April 2025.*

Tagħrif amministrattiv ta' Jobsplus juri li, fi żmien sena, il-provvista tal-ħaddiema (esklużi l-part-timers) żdiedet b'5.0 fil-mija biex laħqet it-310,989 (ara nota nru 5 fil-metodoloġija). Dan kien ġej l-aktar minn żieda fl-impjiegi rreġistrati full-time (14,586) u fil-qgħad irreġistrat (359) (Tabella nru 1).

**Ix-Xogħol Full-Time Rreġistrat**

F'April 2026, l-Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn (NACE 77-82) u l-Informazzjoni u komunikazzjoni (NACE 58-63) kienu l-oqsma li l-aktar wasslu għaż-żieda fix-xogħol full-time, b'1,833 u b'1,534, rispettivament, meta mqabbla ma' April 2025 (Tabella nru 1). L-impjiegi full-time rreġistrati fis-settur privat telgħu bi 12,333 għal 253,274, filwaqt li dawk fis-settur pubbliku żdiedu b'2,253 għal 56,318 (Tabella nru 2).

L-għadd ta' nies irreġistrati li jaħdmu għal rashom full-time tela' bi 891 meta mqabbel ma' April 2025, mentri l-għadd ta' persuni rreġistrati bħala impjegati żdied bi 13,695. L-irġiel li jaħdmu full-time żdiedu b'5.0 fil-mija, filwaqt li n-nisa żdiedu b'4.8 fil-mija, fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 2).

**Ix-Xogħol Part-Time Rreġistrat**

F'April 2026, l-impjiegi rreġistrati part-time żdiedu b'10.4 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar fl-2025. L-oqsma li l-aktar wasslu għaż-żieda kienu t-Trasport u l-ħażna (NACE 49-53) u l-Attivitajiet ta' servizz tal-akkomodazzjoni u tal-ikel (NACE 55-56), li żdiedu b'1,773 u b'1,183, rispettivament (Tabella nru 3).

L-għadd ta' nies li kellhom kemm impjieg part-time kif ukoll ieħor full-time laħqu l-51,835, żieda ta' 12.5 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar fl-2025. Il-persuni li kellhom biss impjieg part-time kienu jammontaw għal 37,136, żieda ta' 7.6 fil-mija meta mqabblin mal-istess xahar fl-2025 (Tabella nru 4).

Ċart nru 1. Persuni rreġistrati b'impjieg full-time jew part-time bħala impjieg ewlieni, bix-xahar




## Is-Suq tax-Xogħol

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

L-Istħarriġ dwar il-Postijiet tax-Xogħol Vakanti (JVS): K2/2026

L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS): K2/2026

L-Aċċidenti fuq ix-Xogħol: Jannar-Ġunju 2026

Ir-Rata tal-Qgħad: Lulju 2026

Il-Qgħad Irreġistrat: Lulju 2026

**Temi Oħra Relatati**

Is-Saħħa

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

labourmarket.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula